**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**<u>Rikors nru : 182/2023 AGV</u>**

**SA**

Vs

**EA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta'  SA , datat 29 ta' Marzu 2023 :**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

Illi huwa zzewweg lill-intimata fil-erbatax ta' Ottubru tas-sena elf u disgha mija u disghin (1990) liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta Malta (kopja tac-certifikat annessa bhala Dokument A)

Illi il-partijiet ilhom separati oltre' hmistax il-sena u huma xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejnithom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta separazzjoni konsenswali datat ghaxra (10) ta April elfejn u tlettax (2013), in atti tan-Nutar Dott. Josef Masini Vento, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;

ILLI l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied RA imwieled fil-erba ta' Mejju 1991 , GA imwieled fis-seba ta' Dicembru 1992, u MA mwieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) illum kollha maggorenni u jahdmu.

Illi ma tezisti l-ebda pendenza ta manteniment bejn il-partijiet.

Illi r-rikorrenti u l-intimata jghixu hajja separata u distanti minn xulxin u r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew diversi snin anke mis-separazzjoni bonarja bejn il-partijiet , u r-rikorrenti tikkonferma li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi jikkonkoru kollha rikesti mill-Ligi tal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant r-rikkorenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma EA hu mahlul , u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi, u sabiex jordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Diretur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l- konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 14 ta' Ottubru 1990**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**